2) *Volvo Trademark Holding AB hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 355, 03.12.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Novembru 2014 – Murnauer Markenvertrieb vs UASI (NOTFALL CREME)**

**(Kawża T-504/12)** (1)

***[“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva NOTFALL CREME — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Natura deskrittiva — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ugwaljanza fit-trattament”]***

(2014/C 462/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Murnauer Markenvertrieb GmbH (Egelsbach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: F. Traub u H. Danie, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Poch, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-20 ta' Settembru 2012 (Każ R 271/2012 4), dwar talba għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv NOTFALL CREME bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Murnauer Markenvertrieb GmbH hija kundannata li tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll l-ispejjeż tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni (UASI).*

(1) ĠU C, 26.1.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 7 ta' Novembru 2014 – Kaatsu Japan vs UASI (KAATSU)**

**(Kawża T-567/12)** (1)

***[“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali KAATSU — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(2)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Drittijiet tad-difiża — It-tieni sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009”]***

(2014/C 462/34)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Kaatsu Japan Co. Ltd (Tokjo, il-Ġappun) (rappreżentant: M. Edenborough, QC)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: V. Melgar u I. Harrington, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tad-9 ta' Ottubru 2012 (Każ R 435/2012-2), li tikkonċerna applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali KAATSU bħala trade mark Komunitarja.